MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2011

Numru. 68/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J Abdilla]**

**vs**

**Henry Anthony Xuereb**
**Christine Xuereb**

**Kumpilazzjoni Numru: 68/2010**

**Illum, 7 ta' Novembru 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra

**Henry Anthony Xuereb**, ta' 68 sena, bin il-mejjet Walter u l-mejta Winifred nee' Gatt, imwieled Rabat fl-1 ta'

Settembru, 1941 u li joqghod fil-fond 26 Macen Court Flat 10, Triq Sir George Borg, Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 568541(M).

u

**Christina Xuereb**, ta' 39 sena, bint Henry u Renata (k/a Irene) nee' Gerada, imwielda Sliema fit-8 ta' Marzu, 1970 u li toqghod fil-fond numru 4 Saliba Flats, Sacret Heart Avenue, St Julian's u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 125870M.

Akkuzat talli f' Dicembru 2009 u fis-snin ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet different izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda

B' mezzi kontra l-ligi billi ghamiltu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdejtu b' qerq iehor, jew billi urejtu haga b' ohra sabiex igeghlu jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamiltu qligh b' qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Kumpanija Tim Travel ta' Joseph Azzopardi.

**U lil Henry Anthony Xuereb wahdu talli**

F' Novembru 2009, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer approprijajt ruhek, billi dawwart bi profitt ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Victor Musu u Mary Josephine Musu, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat liema somma giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghek.

U b' hekk Anthony Henry Xuereb ghamel reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' habs sospiza, liema

sentenza inghatat fis-27 ta' Frar, 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:
1) 18, 308, 309 u 310;
2) 293, 294 u 310;
3) 28B, 28F, 49 u 50; u
4) 17, 18, 31 u 533.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Rat il-verbal ta'l-10 ta' Ottubru 2011 meta l-partijiet prezenti qablu li l-imputat Henry Anthony Xuereb miet fid-29 ta' Awissu 2011.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat Henry Anthony Xuereb miet fit-28 ta' Awissu 2011 konsegwentement il-procediment fil-konfront tieghu huwa ezawriet.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tipprocedi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'l-imputata Christina Xuereb.

Illi jibda biex jinghad illi fic-citazzjoni hemm imputazzjoni wahda biss fil-konfront ta'l-imputata cioe dik ta' truffa jew frodi innominata. Ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali hemm erbgha imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Christina Xuereb (li huma l-istess imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat l-iehor Henry Anthony Xuereb); dawn l-imputazzjonijiet huma truffa jew frodi innominata,

appropjazzjoni indebita, ksur ta’ sentenza sospieza u recidiva.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegata appropjazzjoni indebita saret a dannu ta’ Victor u Mary Josephine Musu. Skond id-depozizzjoni tal-konjugi Musu in-negozju taghhom kien mas-socjeta Hix Travel tramite d-direttur taghha l-imputat Henry Anthony Xuereb. L-konjugi Xuereb hallsu l-flus ghax-xiri ta’ biljetti ta’l-ajru lil Hix Travel u kienet is-socjeta Hix Travel (dejjem permezz ta’l-imputat Henry Anthony Xuereb) li naqset li tissuplixxi l-biljetti li ghalihom hija thallset. L-imputata Christina Xuereb la hija direttrici tas-socjeta Hix Travel u lanqas kellha x’taqsam ma’ dan in-negozju. Ghalhekk ma tirrizultax l-imputazjoni ta’ appropjazzjoni indebita fil-konfront taghha.

Illi lanqas ma gew prodotti xi sentenzi li setghu inghataw precedentement fil-konfront ta’l-imputata Christina Xuereb. L-ahhar zewg imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, cioe l-ksur ta’ sentenza sospieza u recidiva ghalhekk ukoll ma gewx pruvati.

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputata hija dik ta’ truffa jew frodi innominata a dannu ta’ Joseph Azzopardi u Tim Travel.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li Joseph Azzopardi a nom ta’ Tim Travel kien jissuplixxi lil Hix Travel b’ghadd ta’ biljetti ta’ l-ajru. Ta’ dawn il-biljetti Hix Travel kienet thallas permezz ta’ cheques. Jirrizulta ukoll li is-socjeta Hix Travel u l-imputat Henry Anthony Xuereb kellhom xi mandati kontra taghhom b’mod li ma setghux jigu operati l-kontijiet bankarji taghhom. Minhabba f’hekk Christina Xuereb kienet fethet kont f’isimha mal-Bank of Valletta plc biex jigi operat minn missierha. Ghandu jinghad li ghalkemm Christina Xuereb ma kenitx ufficjal tas-socjeta Hix Travel kienet tahdem ma’ din is-socjeta u kienet konxja tal-problemi ta’ likwidita li kien hemm; kien propju ghalhekk li hija fethet dak il-kont f’isimha. Li kienet taghmel kien li tiffirma in bjank ic-cheques kollha f’cheque book u kienet thalli dak ic-cheque book f’idejn missierha. Missierha mbaghad kien juza dawk ic-cheques biex

ihallas; numru minn dawn ic-cheques intuzaw biex jihallsu l-biljetti li Hix Travel xtrat minghand Tim Travel. Minn dawn ic-cekkijiet li nghataw lil Azzopardi minn Xuereb kien hemm xi ftit li gew *referred to drawer.* Kien hemm ohrajn pero li gew rraportati bhala misruqa ghalhekk meta Azzopardi mar biex issarrafhom il-bank irrifjuta u anke gew infurmati l-pulizija peress ghal dak li kien jaf il-bank Azzopardi kellu f'idejh cekkijiet misruqa.

Illi minn dan il-kwadru ta' fatti huwa car li l-involvement ta'l-imputata Christina Xuereb kien li hija ffirmat cekkijiet in bjank biex mbaghad juzahom missierha fin-negozju tieghu.

Illi pero jirrizulta ukoll li meta l-imputata Christina Xuereb iffirmat dawk ic-cekkijiet kienet taf li s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Hix Travel kienet prekarja u li ma kienx hemm flus biex ikopruhom dawk ic-cekkijiet. Hija kienet konxja ta'l-andament tan-negozju ta' missierha ghaliex hi kienet tahdem mieghu. In oltre l-imputata tghid li dak iz-zmien kellha habib, Giovanni Conte[1], u dan kien ser jaghtihom somma flus biex ikunu jistaghu jixtru l-biljetti ta'l-ajru minghand Tim Travel; dan Conte pero qatt ma tahom il-flus. L-imputata qalet ukoll li l-flus li dahhlet is-socjeta Hix mill-bejgh tal-biljetti akkwistati minghand Tim Travel intuzaw biex jithallsu krediti ohra precedenti u ghalhekk lanqas ir-rikavat mill-bejgh tal-biljetti ma seta' jintuza biex jithallas Tim Travel ta' dawk l-istess biljetti.

Illi l-imputazzjoni in konsiderazzjoni hija dik ta' truffa jew frodi nnominata.

Illi x'inhuma l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa jew ta' frodi innominata huwa ormai pacifiku f'l-ordinament guridiku taghna.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi nnominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-*

[1] L-imputata kienet izzewwget lil dan Giovanni Conte pero eventwalment iz-zwieg gie dikjarat null.

*vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene, ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata*[2].

Illi l-hrug ta' cheque meta m'hemmx fondi fil-kont relattiv biex dan ic-cheque jigi onorat ukoll jista' jikkostitiwixxi truffa jew frodi. Fil-kawza Pulizija vs Emmanuele Ellul deciza fil-20 ta' Gunju 1997 il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet li

*Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sa biex dan ic-cheque jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna.*

Illi dan l-istess principju gie ribadit fil-kawza Pulizija vs Anthony Francis Willoughby deciza mill-istess Qorti fit-12 ta' Frar 1999 meta qalet li

*Naturalment il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus jista' jkun propju l-mezz ta'l-ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li ggiblu telf parimonjali bil-konsegwenti gwadann ghal agent.*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti meta Christina Xuereb iffirmat ic-cekkijiet in bjank meta hija kienet taf jew messa kienet taf li ma kienx hemm flus biex jigu onorati, u tat dawk ic-cekkijiet lil missierha biex juzahom fin-negozju tieghu, hija rrendiet ruhha komplici f'l-ingann li wassal lil Joseph Azzopardi (f'isem Tim Travel) biex ibiegh il-biljetti ta'l-ajru lil Hix Travel. Dan l-ingann adoperat ma kienx jikkonsisti f'raggiri jew artifizi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa

[2] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

kontemplat f’l-artikolu 308, pero kien ingann sufficjenti biex jissussisti r-reat minuri ta’ frodi innominata kontemplat f’l-artikolu 309.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti din l-imputazzjoni fil-konfront ta’l-imputata Christina Xuereb tirrizulta biss in kwantu tirreferi ghal frodi innominata u dan bhala komplici ai termini ta’l-artikolu 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni. Naturalment l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in kondsiderazzjoni huwa n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata. Fatturi ohra li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni huma c-cirkostanzi familjari li wasslu lill-imputata biex tagixxi bil-mod kif aggixxiet u l-fedina penali taghha li hija prattikament netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront ta’l-imputat Henry Anthony Xuereb stante l-mewt tieghu, wara li rat l-artikoli 42(d), 309 u 310(1)(a) ssib lill-imputata hatja ta’l-imputazzjoni ta’ frodi innominata elenakata f’l-ewwel paragrafu tan-nota tar-rinviju ghall-gudizju ta’l-Avukat Generali u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett snin. In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 24 ta’l-istess Kapitolu 446 qed tordna lill-imputata biex thallas lill-parte civile Joseph Azzopardi ghan-nom ta’ Tim Travel is-somma ta’ tlettax il-elf sitt mija u erbgha u tmenin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€13,684.55)[3]. L-imputata mhiex qed tinstab hatja ta’l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghha ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali u tilliberaha minnhom.

[3] Somma rapprezentanti l-ammont indikat fuq tlett cheques esebieti bhala Dok JA1 u Dok JA3 u li gew referred to drawer.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------